

# il-hajja ta' kristu gesu'

## 19. IL-FEJQAN TA' WIEHED MARID F'BETSAJDA

**Giovanni 5:1-47 Matt. 12:1-15; Mark 2:23 to 3:6; Luqa 6:1-12**



Fil-festa tal-Lhud, Gesu' tela' Gerusalemm. F'Gerusalemm magenb il-menqgha tal-Bieb tan-Naghag, kien hemm bini b'hames logog, li bil-Lhudi jghidulu Betzata. F'dawn il-logog kienet toqghod kotra kbira ta' morda, ghomja, zopop u miflugin. U kien hemm ragel li kien ilu tmienja u tletin sena marid. Gesu' rah qieghed hemm u meta sar jaf li kien ilu marid dak iz-zmien kollu qallu: "Trid tfieq? "

Il-marid wiegeb: " Sinjur ma ghandix min jitfaghni fil-menqa ghax'hin jitqanqal l-ilma, waqt li nkun sejjer jien haddiehor jinzel qabli."

Gesu' imqanqal mill-hniena qal lil marid: "Qum, aqbad friexek u imxi."

Minnufih ir-ragel hass sahhtu tigrilu f'gismu batut u qam jigri fuq saqajh. Imbaghad kebbeb is-saqqu , tefghu taht dirajgh u telaq lejn id-dar. Kemm hassu ferhan. Izda ma kellux zmien jirringrazzja lil benefattur kbir tieghu ghaliex Gesu' gheb minn quddiemu u ghaddha minn gol-folla.

Dak in-nhar inzerta kien is-Sibt. Xi Lhud rawh jerfa' soddtu u minhabba li ma kienx permess li taghmel hekk fil-jum qaddis tas-Sibt qalu lil dak li kien fieq: " Is-Sibt illum u ma jiswiex iggor friexek!"

Il-marid wiegeb: “ Dak li fejjaqni  qalli, ‘ Aqbad friexek u imxi.’”

Il-Lhud qalulu mill-gdid: “Min hu dan il-bniedem li qallek, “Aqbad u imxi’.”

Izda l-imfejjaq ma kienx jaf min kien ghax Gesu’ Gesu’ lahaq warrab billi hemmhekk kien hemm hafna nies. Wara Gesu’ sabu fit-tempju u qallu: “ Issa  fiqt, qis li ma tidnibx izjed biex ma tigrilikx xi haga aghar.”

Ir-ragel telaq u mar ghand il-Lhud jaghtihom l-ahbar li kien Gesu’ li fejqu. Ghalhekk il-Lhud hraxu ghal Gesu’ ghax f’jum is-Sibt kien ghamel hwejjeg bhal dawn. Kienu jemmnu li kienet haga hazina li taghmel dak li hu tajjeb fil-jum tal-Mulej. Imma Gesu’ qalilhom:
“Missieri ghadu jahdem s’issa. Mela nahdem jiena ukoll.”

U minhabba f’hekk il-Lhud wisq izjed minn qabel bdew ifittxu li joqtluh, mhux biss ghax kien jikser is-Sibt imma wkoll ghax lil Alla kien jghidlu Missieru u jqis ruhu daqs Alla. Gesu’ qabad u qalilhom: “Tassew tassew nghidilkom li l-Iben ebda haga ma jista’ jaghmel minn rajh jekk ma jarax lil Missieru jaghmilha: ghax il-hwejjeg li jaghmel il-Missier jaghmilhom l-Iben ukoll, bhalu. Ghax il-Missier lil Iben ihobbu, u jurih kullma jaghmel, anzi hwejjeg akbar minn dawn jurih, halli jkollkom biex tistaghgbu. Ghax bhalma l-Missier iqajjem il-mejtin, hekk ukoll l-Iben jaghti l-hajja lil min irid hu.  Il-Missier ma jaghmel haqq minn hadd, imma halla f’idejn l-Iben biex jaghmel il-haqq kollu hu, biex kulhadd jaghti gieh lill-Iben bhalma jaghti gieh  lil Missier.; u min ma jaghtix gieh lill-Iben anqas ma jaghti gieh lill Missier li baghtu.  Tassew tassew nghidilkom li min jisma’ keltmi u jemmen f’min baghtni ghandu l-hajja ta’ dejjem, u ma jsirx haqq minnu, imma ghadda mill-mewt ghall-hajja. Tassew tassew nghidilkom li tigi siegha, anzi issa hi, meta l-mejtin jisimghu l-lehen ta’ l-Iben t’Alla u dawk li jisimighuh jghixu.  Ghax bhalma l-Missier ghandu l-hajja fih innifsu, hekk ukoll ta lill Iben li jkollu l-hajja fih inniffsu, u tah ukoll is-setgha li jaghmel il-haqq ghax hu Bin il-Bniedem. Tistghgbux b’dan: tigi siegha meta dawk kollha li jkunu fl-oqbra jisimghu lehnu u johorgu; dawk li jkunu ghamlu t-tajjeb iqumu ghall-hajja, imma dawk li jkunu ghamlu l-hazin iqumu ghall-kundanna.”

Jiena ma nista’ naghmel xejn minn rajja; il-haqq naghmlu fuq dak li nisma’ u l-haqq li naghmel jiena huwa gust  ghax ma nfittix ir-rieda tieghi imma r-rieda ta’ min baghtni. Kieku jiena kelli naghti xiehda tieghi nnifsi, ix-xiehda tieghi ma kienitx tkun minnha. Hemm haddiehor li jaghti xiehda fuqi u jiena naf li x-xiehda li jaghti fuqi hu hi minnha.  Intom bghattu tistaqsu lil Gwanni u hu ta xiehda ghall-verita’. Mhux ghax jiena ghandi bzonn ix-xiehda ta’ bniedem, imma qed nghidilkom dan ghas-salvazzjoni taghkom. Ghax dak kien musbieh jixghel u jiddi, u intom ghal ftit ridtu tifirhu bid-dawl tieghu.  Izda jiena ghandi xiehda akbar minn dik ta’ Gwanni: ghax l-ghemejjel li tani l-Missier biex intemmhom, jigifieri dawk l-istess ghemejjel li jiena qieghed naghmel, jixhdu ghalija li kien il-Missier li baghtni. U dak li jaghti xiehda fuqi huwa dak stess li baghtni, il-Missier li intom la qatt smajtu lehnu u lanqas rajtu l-bixra ta’ wiccu; u l-kelma tieghu ma tinsabx fikom, ghax intom m’intomx temmnu lil dak li huwa baghat.  Intom tistudjaw l-Iskrittura ghax tahsbu li fiha hemm il-hajja ta’ dejjem; din taghti xiehda ghalija u madankollu ma tridux tigu ghandi biex ikollkom il-hajja. Jiena ma niehu ebda glorja mill-bnedmin, imma jiena lilkom nafkom, naf li l-imhabba ta’ Alla ma tinsabx fikom.  Jien gejt f’isem Missieri u intom ma lqatunix.  Imma kif jkun li temmnu, intom li tiehdu glorja minghand xulxin, waqt li xejn ma tfittxu l-glorja li tigi minghand Alla wahdu?  Xejn la tahsbu li ser nkun jiena li nakkuzakom quddiem il-Missier; dak li jakkuzakom hu Mose, li fih qeghdtu t-tama taghkom. Ghax kieku kontu temmnu lil Mose’ kontu temmnu lili wkoll, ghax Mose’ fuqi kiteb. Imma jekk intom ma temmnux dak li kitbilkom hu, kif se temmnu dak li nghidilkom jiena?

Kienu joqghodulu ghassa biex jaraw jekk jiksirx il-jum tas-Sibt u hekk ikollhom fuqhiex jakkuzawh. F'jum ta' Sibt hekk kif kien miexi mad-dixxipli tieghu f'ghalqa tal-qamh, id-dixxipli qatghu xi qamh biex jiekluh ghax qabadhom il-guh. Il-Farizej li kienu vicin meta raw x'kienu qed jaghmlu d-dixxipli tieghu resqu lejn Gesu' u qalulu: "Id-dixxipli tieghek qed jiksru l-jum tas-Sibt ghaliex qed jaqtghu l-qamh biex jiekluh."

Gesu' wegibhom li huma kienu qed jintterpretaw il-ligi tas-Sibt hazin, meta ma kienu ihallu ebda bniedem jaghmel dak li hu tajjeb f'dan il-jum dedikat lil Alla. Fakkarhom fi zmien meta David kiel mill-hobz tat-tempju riservat biss ghas-sacerdot u Alla kien jaf li David u ta' madwaru kienu bil-guh u ghal daqstant ma kkastigahx ghal dak li kien ghamel. Qal lil Farizej li s-sacerdoti u l-Leviti jahdmu kull nhar ta' Sibt meta joffru s-sagrificcju fil-ghodu u fil-ghaxija. "Bin il-bniedem hu anke sid is-Sibt."

Meta kien fil-Galilea, Gesu' fejjaq lil wiehed ragel b'idu niexfa fil-jum tas-Sibt minkejja li kien jaf li l-Farizej kienu qeghdin jaghmlulu ghassa.  Ghajjat lir-ragel biex iqum bil-wieqfa fejn kulhadd seta' jarah, dar lejn il-Farizej u qalilhom:" Hija haga sew li wiehed jaghmel it-tajjeb jew il-hazin fil-jum tas-Sibt.? Li joqtol jew li jaghti l-hajja? Jekk wiehed minkom taqaghlu nghaga f'hofra fil-jum tas-Sibt, ma jmurx biex itellghaha? U bniedem hu aktar prezzjuz minn nghaga."

Imbaghad dar lejn ir-ragel li kien wieqaf quddiemu u amarlu li jistira l-id niexfa.  Il-bniedem obda u idu fieqet.  Il-Farizej hargu mis-sinagoga inkurlati u xtaqu joqtlu lil Kristu.  Ir-ragel li fieq mar id-dar ferhan.

## RIFLESSJONI

Li kieku nifhmu kemm ghandha moghdrija u hniena l-Qalb ta' Gesu', immoru nigru ghal ghandu kull darba li jkollna bzonn xi haga bhalma tifel ckejken jmur jigri ghand ommu jew missieru meta jhoss il-bzonn ta' xi haga.

Hija hasra tassew li meta l-kbarat lhud staqsew lir-ragel min kien li fejqu, l-marid, issa mfejjaq wiegeb li ma jafx.  Hafna nsara jafu hafna fuq Gesu' (ghax jafu meta twieled, fejn twieled u tista' tghid il-grajjiet tieghu) izda lil Gesu' ma jafuhx ghax ma jwettqux it-taghlim tieghu.